MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 341/2007

**George Muscat ID NO : 345941(M)**

**Vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju**
**Ezekuttiv Kunsill Lokali Msida**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta’ April 2007 fejn gie premess illi r-rikorrent huwa s-sid tal-propjeta` Mirage Hotel gewwa John Borg Street, Msida, illi x-xogholijiet tal-bankina saru fuq struzzjonijiet tal-Kunsill Lokali Msida u saru hsarat fil-propjeta` tar-rikorrent, illi l-hsarat jammontaw ghal cirka hames mitt Liri Maltin (Lm500) u dan skond l-anness certifikat.

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob illi l-intimat jigi kkundannat is-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (lm500)

jew somma ohra li jiffissa dan it-Tribunal bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi fis-seduta tat-28 ta` Mejju 2007 r-rapprezentant legali tal-Kunsill konvenut ppromettiet illi kienet ser tipprezenta risposta, u ghal dan il-ghan it-Tribunal akkorda 18 il-jum.

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2007 deher Dr Alex Sciberras, Sindku tal-Kunsill Lokali konvenut li gharraf lit-Tribunal illi r-risposta kienet giet ipprezentata ghalkemm ma kienitx tinsab fil-process.

Ra illi fit-tlett seduti sussegwenti ma deher hadd in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali konvenut – u r-risposta baqghet qatt ma giet nserita fil-process.

Sema` x-xhieda ta' l-attur u tal-Perit Joseph Cassar u ra d-dokumenti minnu esebiti.

Ra illi l-attur talab illi l-kawza tithalla ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi mill-provi prodotti t-talba attrici tinsab ippruvata. Xehed mhux biss l-attur imma anke il-Perit Joseph Cassar li kkonferma c-certifikat minnu mahrug fl-14 ta' Marzu 2007.

Illi l-Kunsill konvenut la ressaq risposta, la segwa l-kawza u wisq anqas ressaq provi – u ghalhekk fl-atti ta' din il-kawza ma hemm xejn illi ghandu jew jista` jfixkel t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, sema` x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' elf, mija u erba` u sittin Euro u disa` u sittin Euro centezmu (€1164.69) – ekwivalenti ghal hames mitt Liri Maltin (Lm500).

Bl-ispejjes kontra l-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------